MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2008

Numru. 342/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Emanuel Bonnici bin Paul u Theadora nee' Apap, imwieled fit-8 ta' Ottubru, 1948 u residenti Girraween, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 76448(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Emanuel Bonnici li gie akkuzat talli nhar it-22 ta' Marzu, 2008 ghal habta ta' 8:30hrs gewwa Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex ghamel xi storbju b'xi magni li dejjaq lil girien:

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat illi l-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuza illum stess;

Semghet illi d-difiza issollevat l-eccezzjoni ta' l-azzjoni bid-dekors ta' tlett (3) xhur peress illi l-akkuza hija ta' natura kontravenzjonali;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fil-hin ta' l-akkuza illum stess. Illi l-imputat ghalhekk ghandu d-dritt skond il-Ligi li jigi notifikat mill-gdid bl-akkuza kif mibdula. Gialadarba allura l-imputat irceva n-notifika illum ta' l-akkuza kif mibdula jew korretta, kwindi t-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-gdid;

Ghaldaqstant peress illi l-akkuza hija wahda ta' natura kontravenzjonali, il-perjodu preskrittiv taghha jghaddi bid-dekors ta' tlett (3) xhur u peress illi d-data ta' l-akkuza hija tat-22 ta' Marzu, 2008, kwindi l-azzjoni kriminali giet preskritta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------